## Kif tista' tevita li tingidem minn din in-nemusa:

**Tista' u għandek tipprova tnaqqas ir-riskju li tingidem min-nemus:**

- Naqqas il-ħin li tqatta' barra bejn inżul ix-xemx u meta jisbaħ meta n-nemus l-aktar li jkun attiv (fil-każ tal-Asian tiger mosquito, din tkun attiva l-aktar matul il-ġurnata)
- Kun żgur/a li l-iscreens tal-bibien u t-twieqi jingħalqu sew u huma fi stat tajjeb
- Ilbes kalzetti, żraben, qliezet twal u qmis/top bil-kmiem twal meta tkun fuq barra għal tul ta' żmien, u meta n-nemus l-aktar li jkun attiv. Il-ħwejjeġ għandhom ikunu magħmula minn materjali li huma minsuġa b'mod issikat biex in-nemus ma jilħaqx il-ġilda
- Uża mosquito netting meta torqod fuq barra jew jekk torqod ġo post li ma fihx screens, u biex tipproteġi lit-trabi meta jkunu fuq barra
- Meta jkun hemm bżonn li toqħod fuq barra, għamel l-insect repellent skond kif għandek miktub fuq it-tabella tal-prodott. Aktar ma l-prodott ikun fih DEET aktar ma jdumu l-effetti tiegħu kontra l-gdim. Għall-aktar ċirkostanzi komuni konċentrazzjoni ta' DEET ta' 10%-25% hija biżżejjed u konċentrazzjonijiet 'l fuq minn 50% DEET ma jżidux it-tul tal-ħin ta' protezzjoni. Applikah fuq il-ħwejjeġ fejn hu possibbli u għamel ftit ħafna fuq il-ġilda jekk it-tabella tal-prodott tgħidlek li tista' tagħmel hekk.
- Uża l-fannijiet - dawn in-nemus mhumiex b'saħħtihom ħafna biex itiru. Għalhekk ir-riħ qawwi li jagħmel fann mhux biss iwaqqafhom milli jtiru iżda wkoll iferrex il-kimiċi li huma jużaw biex isibu d-demm biex jieklu minnu.



Asian Mosquito Tiger, *Aedes Aldopictus* tinsab mifruxa ma Malta u Għawdex.

Sabiex in-nemusa xxerred il-mard din trid tkun qeda ġġorr il-mikrobi ġo fiha, li mbagħad tgħaddihom lin-nies meta tigdimhom.

Jekk ikollok bżonn aktar infomrazzjoni jekk jogħġbok ċempel fuq: 21 324 086

**Taqsima tal-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**

**21 324 086**

**health.gov.mt/dsu**

Informazzjon miġbura minn **Dr Tanya Melillo** u **Dr Liliana Cuschieri**
Disinn ta' **Stefan Attard**

**Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard**
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt



# Kif tista' tipproteġi lilek innifsek minn nemus u tevita li jbidu





In-nemus jistgħu jkunu ta' inkonvenjent u joħolqu ħafna problemi u huma magħrufin li jġorru magħhom numru ta' mard.

**Dan il-fuljett għandu l-għan li jagħti ftit linjigwida bażiċi dwar kif wieħed jista' jevita li n-nemus ibid, kif ukoll kif tista' tevita li tingidem.**

B'mod partikolari jipprovdik bl-informazzjoni dwar kif tista' tagħraf l-Asian Tiger mosquito (Aedes albopictus) li dan l-aħħar instabet hawn Malta.



**Ritratt:** http://www.comune.torino.it/ucstampa/2005/aedes-albopictus.jpg

## Metodi kif tista' tevita li n-nemus ibidu:

In-nemus għandu bżonn l-ilma biex ikun jista' jbid il-bajd. Kull nemusa mara tista' tbid sa 200 bajda li jistgħu ifaqqsu f'larvae, imbagħad isiru nemus f'temp ta' sebat ijiem.

Għalhekk, il-kontroll ta' din in-nemusa jibda permezz li jitneħħew il-postijiet fejn dawn ibidu l-bajd, li ħafna drabi jkunu qrib fejn ikunu ngidmu n-nies.

- Neħħi kontenituri li fihom l-ilma bħal platti tal-qsari, bramel, kontenituri tal-ikel u tajers qodma.
- Waqqaf in-nemus milli jfaqqas f'xi vaska fejn jiffriskaw l-għasafar, fl-ilma tal-annimali u f'xi paddling pools billi tiżvujtjahom millinqas darba kull tlett ijiem.
- Fejn issib għadajjar li ilhom hemm aktar minn tlett ijiem u bokok tad-dranaġġ li jkun fihom ilma qiegħed ikun ideali li tneħħilhom l-ilma.
- Il-gandotti għandhom jitnaddfu mill-weraq u minn ħmieġ ieħor sabiex ma jinġabarx ilma fihom.
- Qsari u važuni tal-fjuri fejn ikun hemm ilma miġbur għandhom jimtlew b'xi ramel jew żrar fin sabiex in-nemus ma jkunx jista' jbid il-bajd fihom.
- Water features, speċjalment vaski tal-ħut, għandhom ikollhom il-ħut fihom bħall-goldfish peress li dawn jieklu ż-żgħar tan-nemus
- Iż-żibel jista' wkoll jiġbor l-ilma tax-xita u għandu jitneħħa. Dan jinkludi karrozzi abbandunati, makkinarju qadim u żibel ieħor f'postijiet vojta.
- Ilma qiegħed li jkun f'xi pixxina, ġibjuni, eċċ, li ma jistax ikun imbattal jew mormi jista' jkun ittrattat kull tant żmien b'insettiċidi apposta għal hekk.
- Swimming pools: Għandhom jinżammu vojta jekk mhux qed jintużaw jew l-ilma jkun trattat bil-chlorine.
- Negozji għandhom iżommu t-tajers mgħottija, jaħżnuhom ġewwa jew jagħmlulhom trattament b'insettiċidi li huma apposta għall-kontroll tal-larva tan-nemus.
- F'każijiet fejn ma jistax jinżamm ħut, ġibjuni jew bjar li huma miftuħa għandhom jitgħattew.

## Kif tista' tagħraf l-Asian tiger mosquito:

**In-Nemusa**

- L-Aedes albopictus, jew Asian tiger mosquito, hija nemusa żgħira li hi twila, bejn wieħed u ieħor, minn 2 sa 10mm u li għandha disinn iswed u abjad li hu partikolari ħafna.
- Għandha linja bajda li hi karatteristika u li tinsab fuq in-nofs tan-nemusa, fuq il-parti magħrufa bħala t-thorax fil-waqt li saqajha għandhom linji bojod u suwed li jidru ċari ħafna.
- L-Asian tiger mosquito ittir u tiekol matul il-ġurnata, kif ukoll mas-sebħ u ma' nżul ix-xemx.
- In-nemusa tigdem matul il-ġurnata, speċjalment fil-bidu tal-ġurnata u wara nofs in-nhar, u għalhekk hi differenti minn nemus ieħor li jigdem bil-lejl.
- Peress li ma jtirux għal distanzi twal (inqas minn 200m) il-postijiet fejn ifaqqsu ħafna drabi jkunu qrib ta' fejn tinstab din in-nemusa.
- Huma jigdmu malajr ħafna u b'hekk jevitaw l-isforzi tan-nies biex jgħaffġuhom.
- Din in-nemusa tgħix qrib tad-djar fejn jinstabu l-aħjar kundizzjonijiet biex din tkun tista' tirriproduċi.







